

## 1. Il-bidu nett nett

Snin twal ilu, meta la kien hawn karozzi u lanqas karozzi tal-linja, meta la kien hawn vetturi spazjali u lanqas pastizzi, kien hawn ħafna ħaxix aħdar. Kien hawn l-għasafar jistrieħu fuq iz-zkuk tas-siġar. Kien hawn fkieren kemm tara b'għajnejk u speċi ta' rettili rari. Anki skiet kbir kien hawn.

Iċ-ċafċif tal-baħar kont tista' tisimgħu mill-qalba tal-Imġarr!

Jgħidu li tant kien hawn għelieqi, nixxigħat, siġar tal-frott, siġar mhux tal-frott, pjanti u fjuri li dal-post kien qisu ġnien. Ġnien żgħir! U biż-żmien bdew isejħulu l-Ġnejna. Hawn Wied il-Ġnejna li jagħti għall-bajja tal-Ġnejna u torri għoli jgħasses il-bajja. It-Torri ta' Lippija.

Jgħidu li darba waħda, tifel ċkejken jismu Rinu tela' ħdejn it-Torri ta' Lippija. Tela' biex joqgħod jisma' l-mewġ iħabbat mal-blat. Imma l-baħar kien żejt u lanqas taħrika waħda ma kien hemm. Ir-riħ baqa' rieqed u Rinu baqa' bix-xewqa li jara r-ragħwa bajda tal-baħar tifferoċja u l-mewġ jitkisser fil-qrib. Baqa' għal ftit ħin jiċċassa fil-vojt sakemm sema' ħoss qawwi. Kien qisu l-ħoss tar-ragħad ikarwat qabel il-maltemp. Ħares madwaru biex jara kienx hemm xi annimal stramb viċin.

Kien se jaħbat ifelfel xagħru u jnaqqar imnieħru kif kien jagħmel meta jkollu l-kurżità jsir jaf xi ħaġa. Imma kif ħares 'l isfel intebaħ li kienet żaqqu. Baqgħet tgerger imġewħa u bejn bdiet tagħmel ħoss ta' maltempata sfrenata u bejn bdiet tagħmel ħoss ta' balena qed tbati biex tgħum. Jew rinoċeronti muġugħ bid-dras tal-għaqal.

Kien se jmur lura fid-dwejra tiegħu b'qalbu sewda u maqsuma tnejn u b'żaqqu tgerger iktar minn qatt qabel. Imma kif kien għoddu qam biex jitlaq, lemaħ il-mewġ iħabbat kemm kemm. Issa żgur mhux żaqqu kienet. La żaqqu u lanqas il-balena ta' ġo fiha. Imma lanqas ir-riħ ma kien qam.

Mill-bogħod seta' jara xi ħaġa titħarrek. Seta' jara bħal dinosawru magħmul ħuta li ma kienx fih iktar minn xiber. Veru li kien qiegħed tant bogħod imma Rinu kellu għajnejh tajbin.